31996D0205

L 69/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 19.3.1996

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## ta' l-20 ta' Novembru 1995
## dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' xi disposizzjonijiet tal-Ftehim Kwadru Interreġjonali ta' Koperazzjoni tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Grupp ta' Stati tiegħu fuq in-naħa l-oħra (1)

(96/205/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA.

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat il-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Komunità u s-suq komuni tan-Nofsinhar (*Mercosur*) aċċetta li jadotta l-proċeduri ta' l-applikazzjoni bikrija ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Ftehim Kwadru Interreġjonali ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Grupp ta' Stati tiegħu fuq in-naħa l-oħra li jittrattaw il-Kummerċ bejn il-Gruppi u l-qafas ta' l-istituzzjoni għal din il-koperazzjoni;

Billi l-applikazzjoni proviżorja tad-disposizzjonijiet imsemmija ser tikkontribwixxu biex tgħin u tħeġġeġ relazzjonijiet aħjar bejn il Komunità u *Mercosur*, sakemm isir it-tmiem tal-proċeduri meħtieġa biex jitwaqqaf dan it-Trattat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-iskambju ta' ittri bejn il Komunità u *Mercorsur* li jipprovdi l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Ftehim Kwadru Interreġjonali ta' Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Grupp ta' Stati tiegħu fuq in-naħa l-oħra huwa approvat hawhhekk f'isem il-Komunità.

It-test ta' l-iskambju ta' l-ittri huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha tirrappreżenta l-Komunità ġewwa l-korpi msejħa fl-Artikolu 27 u 29 tat-ittrattat.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-20 ta' Novembru 1995.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

J. SOLANA

(1) Il-Ftehim Kwadru Interreġjonali ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar u l-Grupp ta' Stati tiegħu fuq in-naħa l-oħra, kien iffirmat soġġett għal konklużjoni f'Madrid mill-15 sal-31 ta' Diċembru 1995.